**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 3**

**Rikors Gur. Nru. 563/19 JZM**

**Avv. Michele Cardinali bhala mandatarju specjali tal-konjugi, Salvatore (Passaport Taljan Nru. YB1983246) u Josephine Boni (Id. Maltija Nru. 0285464M)**

***kontra***

**(1) Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**(2) L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. **<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta` Gunju 2019 li jaqra hekk-

*1. Illi r-Rikorrenti huma koppja mizzewga li jirrisjedu gewwa l-pajjiz tal-Italja u ghaldaqstant awtorizzaw bhala mandatarju specjali taghhom l-Avukat Michele Cardinali permezz ta` prokura specjali datati 31 ta` Mejju 2019 sabiex jigu inizzjati il-proceduri odjerni. (Ara annessa Prokura ta` Josephine Boni bhala u ta` Salvatore Boni bhala* ***Dok. A****);*

*2. Illi nhar il-hamsa (5) ta` Jannar 2016 ir-Rikorrenti tilfu lit-tifla taghhom, Johanna Boni li mietet f`incident stradali wara li giet mghaffga minn trakk waqt li kienet qieghda ssuq il-mutur taghha gewwa n-Naxxar ghal habta tad-disgha ta` filghodu (9am);*

*3. Illi l-koppja ngaggaw lil Anna Falzon bhala l-kummissjonanta tal-funeral ta` binthom fejn ir-rikorrenta Josephine Boni kellha diversi komunikazzjonijiet ma` Anna Falzon fejn tkellmu rigward il-fatt illi xtaqet tlibbes lil bintha bi hwejjeg dicenti u rispettabbli ghad-difna taghha;*

*4. Illi r-rikorrenta kienet tat struzzjonijiet cari lil Anna Falzon illi dan l-abbiljament kien sabiex bintha tindifen bih, u Anna Falzon kienet tat il-kelma taghha illi dawk l-istruzzjonijiet kienu ser jigu ezegwiti;*

*5. Illi lejliet il-funeral li sar nhar id-disgha (9) ta` Jannar 2016, Anna Falzon kienet tat parir lir-rikorrenti sabiex it-tebut ma jinfetahx u dan minhabba l-griehi serji f`ras id-decuius pero` ipromettiet illi id-decuius ser titlibbes bl-abbiljament xieraq li taghtha r-rikorrenti Josephine Boni xorta wahda;*

*6. Illi dakinhar tal-funeral ir-rikorrenti marru l-kamra mortwarja fejn Anna Falzon regghet qaltilhom li jkun ahjar jekk ihallu t-tebut maghluq u konsegwentement ir-rikorrenti kienu urew fiducja fiha u semghu minnha*

*fejn it-tebut baqa ma nfetahx fl-ebda hin u binthom sussegwentement indifnet gewwa qabar fic-cimiterju tal-Mosta;*

*7. Illi tliet snin wara u cioe` f`Jannar ta` din is-sena (2019) miet missier ir-rikorrenta Josephine Boni u sabiex ikunu prezenti ghall-funeral ta` missierha, il-koppja nizlu Malta;*

*8. Illi missier ir-rikorrenta kellu jindifen fl-istess qabar li kienet indifnet bintha, izda gara li fis-26 ta Jannar 2019, meta fethu l-qabar tal-Mosta l-koppja talbu wkoll sabiex jinfetah it-tebut ta` binthom Johanna fejn skoprew xena xokkanti mmens illi binthom Johanna minflok libbsuwha l-hwejjeg li kienu nxtraw sabiex ikollha difna rispettabbli u umana, kienet indifnet go borza tal-`plastic` `body bag` fejn il-koppja nnutaw ukoll illi l-libsa l-hamra u l-accessorji l-ohra kienu jidhru kobba fil-qiegh tat-tebut;*

*9. Illi r-rikorrenti ffotografaw dak li raw (ara annessi ritratti tat-tebut miftuh bhala **Dok B**);*

*10. Illi l-ligi penali Maltija fuq ksur tad-dritt ta` difna decenti huwa wiehed ta` natura kontravvenzjonali sancit fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija f`**Artikolu 145(1) :***

*"kull kadavru ghandu jigi midfun b`dak il-ghata, li jitolbu d-dekor u d-decenza".*

*11. Illi r-rikorrenti permezz ta` kwerela datata 25 ta` Frar 2019 prezentata gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta talbu sabiex dan il-kaz jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, sabiex in oltre milli ssib lill- intimata Anna Falzon u kif ukoll min kien responsabbli mill-katavri fil-kamra mortwarja gewwa l-Isptar Mater Dei hatja tal-akkuza msemmija iktar il-fuq, tordna sabiex dan il-ksur ta` ligi **<u>ta` natura permanenti</u>** jigi ripristinat sabiex id-decuius tinghata ir-rispett u dekor illi jixraq lill-kull uman (kopja tal-kwerela annessa u immarkata bhala **Dok C**);*

*12. Illi il-Pulizija tal-ghassa tal-Mosta wara li hadu l-parir tal-Avukat Generali rrifjutaw li jipprocedu bil-proceduri fejn interpretaw il-kaz bhala wiehed ta` natura istantanja u li kien preskritt (kopja tal-e-mail datat 24 ta` Marzu 2019 minghand l-Ispettur tal-Pulizija Spiridione Zammit lill-Avukat Dr. Michele Cardinali annessa u immarkata bhala **Dok D**).*

*13. Illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jipprocedix ma setghetx tigi sfidata skond il-procedura sancita f`artikolu **541 tal-Kodici Kriminali** u dan ghaliex dan l-istess artikolu jiddetta illi tali sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija tista` biss issir f`kazijiet ta` delitti u mhux kontravvenzjonijiet, u dunque r-Rikorrenti kienu ezawrew kull rimedju ad dispozizzjoni taghhom sabiex issir gustizzja penali u ma kienx fadlilhom triq ohra hlief li jirrikorru ghar-rimedju odjern;*

*14. Illi ir-Rikorrenti qieghdin jikkontestaw din id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li fuq parir tal-Avukat Generali ma jipprocedix, ghar-raguni li l-interpretazzjoni hija mill-aktar zbaljata, u dana meta wiehed iqis illi dan ir-reat qatt ma jista` jitqies bhala wiehed istantanju propju minhabba l-fatt li l-katavru ta` bint ir-rikorrenti ghadu fil-borza li tpogga fiha ftit iktar minn tliet snin ilu bi ksur tal-ligi sopra citata bil-konsumazzjoni tal-istess reat jibqa` fis-sehh u jippersisti fl-istat antiguridiku tieghu;*

*15. Illi fuq id-distinzjoni bejn reat istantanju u dak permanenti titkellem tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) kif preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera fil-kawza bl-okkjo **Il-Pulizija Vs. Sergei Vella** li ghaddiet in gudizio nhar it**-28 ta` Marzu 2019** f`kaz fejn il-Qorti interpretat bini ta` cumnija b`mod illegali bhala reat permanenti :*

> *Illi d-distinzjoni fina bejn in-natura tar-reat istantanju u permanenti gew definiti f`sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza **Il-Pulizija vs Carlo Stivala** fejn gie hekk deciz:*

*"Il-kriterju jew kriterji li toffri d-duttrina ghal biex jigi deciz, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa fil-ligi, jekk ir-reat hux wiehed istantanju jew permanenti gew imfissra mill-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma` appelli mill-Qorti tal-Magistrati) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri**. F`din is-sentenza, il-kompjant Imhallef Guze` Flores kien qal hekk:*

*"…fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta` omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa` stat ta` konsumazzjoni sa kemm jibqa` fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b`mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta` sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta` armi. Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (Repertorio, 1952, col. 2300):*

*`Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall`agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo.`*

*16. Illi dunque ghandu jigi applikat artikolu **691(1) tal-Kodici Kriminali** Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta illi jiddetta li f`kazijiet ta` natura permanenti l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat, ergo t-terminu ta` preskrizzjoni trimestrali tal-kontravvenzjoni allegata jibda biss jiddekorri meta l-katavru ta` bint ir-Rikorrenti jitnehha mil-qaghda bla dekor u indecenti li jinsab fiha;*

*17. Illi ghaldaqstant l-agir tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali jikkostitwixxi eghmil amministrattiv illi fl-umli fehma tal-esponenti ghandu jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett ghar-ragunijiet segwenti:*

*i. Illi jikser il-Kostituzzjoni u dan ghaliex huwa wiehed li jnissel trattament li jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal-smiegh xieraq u dak ta` rimedju effettiv, specifikament id-dritt ta` access ghall-gustizzja tal-Qrati bhala vittmi ta` reat kriminali, u dan stante li bl-interpretazzjoni mill-iktar zbaljata tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, il-process gudizzjarju sabiex jinghata il-haqq skond il-ligi lill-min ikun ikkommetta reat l-anqas biss gie inizjat;*

*ii. Illi jikkostitwixxi eghmil amministrattiv ultra vires illi permezz ta` tali nuqqas ta` azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jikser il-ligi, specifikament il-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta fejn f`artikolu 346(1) jiddetta :*

> *"Huwa dmir tal-Pulizija li zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat, u li ggib il-hatjin, kemm l-awturi kemm il-komplici, quddiem l-awtorità gudizzjarja."*

*18. Illi kif wiehed jista` japrezza, din is-sitwazzjoni holqot lir-Rikorrenti ansjeta`, inkwiet u ncertezza dwar dritt ewlieni ta` kull bniedem li jghix f`socjeta` gusta li tirrispetta d-dinjita` ta` kull individwu fi hdana; dak li ir-rikorrenti bhala vittmi ta` reat kriminali jinghataw access ghall-gustizzja;*

*Illi ghaldaqstant u in vista tas-suespost, u ghal-dawk ir-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta` dawn il-proceduri, ir-rikorrenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi kollha migjuba minnhom u ghall-provi kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta` dawn il-proceduri qieghdin ummilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq parir tal-Avukat Generali sabiex ma jipprocedix kriminalment kontra l-intimata Anna Falzon u min kien responsabbli mil-kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei bi ksur ta` ligi kriminali sancita f`artikolu 145(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) nulla, invalida jew minghajr effett u dan ghar-raguni li tikkostitwixxi eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni ghar-raguni li tilledi d-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, senjatament Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jikkonsisti fi ksur ta` artikolu 469A (1) (a) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq parir tal-Avukat Generali sabiex ma jipprocedix kriminalment kontra Anna Falzon u min kien responsabbli mil-kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei bi ksur ta` ligi kriminali sancita f`artikolu 145(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) nulla, invalida jew minghajr effett u dan ghar-raguni li tikkostitwixxi ghemil amministrattiv ultra vires bi ksur tal-ligi kif sancita f`artikolu 346 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u ghaldaqstant tikkonsisti fi ksur ta` artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Tordna sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiskatta l-investigazzjonijiet tieghu sabiex jipprocedi kriminalment kontra Anna Falzon, min kien responsabbli mil-kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei u/jew kull min jirrizulta responsabbli bi ksur ta` ligi kriminali sancita f`artikolu 145(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) skond il-fatti kif sopracitati.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhirlu xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti kontra l-Awtoritajiet intimati li huma min issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fl-<u>1 ta` Lulju 2019</u> li taqra hekk : -

***<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>***

1. *Illi in linea preliminari l-esponenti jeccepixxu n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif mehtieg* ***ad validitatem*** *a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta fil-konfront tal-esponenti.*

2. *Illi l-esponent Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet vantati mill-attur u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

3. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu fermament illi l-Artikolu 469A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijet ta` Malta) mhux applikabbli stante li l-process investigattiv u prosekutorjali tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ma jaqax taht it-tifsira ta` "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinciz 2 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi di piu` l-parir legali moghti mill-esponent Avukat Geneali lill-esponent Kummissarju tal-Pulizija lanqas ma jaqa` taht it-tifsira ta` "eghmil amministrattiv" ai termini tas-subinciz 2 tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

4. *Illi in linea preliminari parir legali moghti minn avukat tal-istat (tal-esponent Avukat Generali) lid-dipartiment kkoncernat (il-Kummissarju tal-Pulizija) huwa parir privilegat bhal kwalunkwe parir legali iehor u m`ghandux jigi mistharreg minn Qrati u/jew entitatijiet gudizzjarji. Illi aktar minn hekk, decizjoni tal-prosekuzzjoni dwar jekk tigiex istitwita o meno procedura kriminali hija fin-natura taghha stess decizjoni kwazi gudizzjarja li ma hijiex soggetta gall-azzjoni ta` stharrig gudizzjarju.*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qieghed isejjes it-talbiet tieghu abbazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jitkellem dwar stharrig gudizzjarju ta` azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs qieghed jallega illi l-agir tal-esponenti jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, specifikament dawk protetti mil-Ligi taht l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u/jew l-Artikoli 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 13 tal-istess konvenzjoni. Fid-dawl ta` dawn l-artikoli, ir-rikorrent qed jitlob illi tithassar l-agir surreferit.*

*Konsegwentement :*

*a. It-talbiet tar-rikorrenti m`humiex proponibbli stante illi r-rikorrenti qatt ma jista` jintavola kawza ghall-istharrig gudizzjarju ta` azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitlob illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti gew lezi abbazi tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*b. Certament din il-Qorti kif vestita fil-Gurisdizzjoni taghha Civili ghandha l-jedd semmai li tisma lanzjanza ta natura` dwar stharrig gudizzjarju ta` azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista` taqta u tiddeciedi illi xi drittijiet fundamentali ta` persuna gew lezi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-ligi lil-Qrati li ghandhom funzjoni ta` natura Kostituzzjonali;*

*c. In kwantu l-proceduri odjerni mhumiex proceduri istitwiti a tenur tal-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 4 (1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta, din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta` u tiddeciedi dwar ilmenti dwar allegat ksur ta` drittijiet fundamentali;*

*d. Illi azzjoni ta` stharrig gudizzjarju skont l-Artikolu 469A ma tistax issir abbazi ta` allegat ksur ta` drittijiet fundamentali (ara sentenza fl-ismijiet "**Hall Christopher Vs Direttur Tad-Dipartiment Ghall-Akkomodazzjoni Socjali Et**" (Cit Nru 1/2003/1) deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009)*

6. *Illi in linea preliminari l-esponenti jecepixxu illi fejn l-attur indika fil-lista ta` xhieda "Xhieda ohra min issa rizervati: sabiex jixhdu dwar il-fatti kif jafuhom huma" dan mhux permissibli stante illi l-artikolu 156 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta jistipula illi "l-attur ghandu wkoll jaghti mad-dikjarazzjoni **l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi hsiebu jgib,** filwaqt li jiddikjara dwar kull wiehed minnhom x`fatti u xi prova bi hsiebu jaghmel bix-xiehda taghhom."*

***Eccezzjonijiet fil-mertu***

*1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*2. Illi l-esponenti jecepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati.*

*3. Illi kwalunkwe interpretazzjoni ta` ksur tal-artikolu 145 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu jigi interpretat b`referenza ghall-import tal-artikolu 318 tal-istess Kodici illi jistipula li "Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta` dan il-Kodici... isir hati ta` Kontravvenzjoni". Illi l-artikolu 688 (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta jistablixxi t-terminu preskrittiv fejn senjatament jistipula illi l-azzjoni kriminali fir-rigward ta` kontravvenzjonijiet taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` tliet (3) xhur. Illi aktar minn hekk l-artikolu 691 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta jistipula illi ghar-reati kkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni.*

*4. Illi l-att ta` dfien kif stabbilit fl-artikolu 145 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta` Malta huwa att istantaneju ghaliex jigi ezegwit darba biss, u cioe` meta id-decujus jigi midfun. Illi jigi rilevat ukoll illi l-istess artikolu jirreferi ghall-att ta` dfien u mhux ghal perjodu indefinit illi l-decujus jinstab midfun.*

*5. Illi d-dfien ta` Johanna Boni sehh fl-10 ta` Jannar 2016 u li ghalhekk l-allegata kontravvenzjoni skattat min dak in-nhar tad-dfien. Illi*

*l-attur intavola kwerela b`urgenza ghall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-25 ta` Frar 2019. Ghaldaqstant u gialadarba ghaddew tlett (3) snin mid-data tal-kontravvenzjoni istantaneja, l-azzjoni kriminali kontra kull min hu responsabbli ma setghatx titmexxa ghaliex l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni ta` tlett (3) xhur kif previst fl-artikoli 688 (f) u 691 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*6. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ghandu dmir illi jinvestiga u jmexxi kontra persuni bhala suspettati hatja ta` reat. Madanakollu l-Pulizija zzomm id-diskrezzjoni illi tipprocedi b`azzjoni kriminali b`mod specjali meta tali investigazzjoni twassal lill-istess korp ghal konvinzjoni legali illi l-azzjoni mhux se tirnexxi. Il-Pulizija ghandha d-dmir ukoll illi ma takkuzax persuna b`kontravvenzjoni/delitt b`mod superficjali.*

*7. Illi fl-isfond tas-suespost ghandu jirrizulta illi l-allegazzjoni tal-attur illi l-agir tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija illi ma jipprocedix fuq parir tal-esponent Avukat Generali kriminalment kontra Anna Falzon u min kien responsabbli mill-Kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei bi ksur tal` Ligi kriminali sancita fl-artikolu 145 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta` Malta tikostitwixxi ghemil amministrattiv ultra vires bi ksur tal-ligi (ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) kif sancita fl-artikolu 346 (1) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta* ***hija totalment infondata fil-fatt fid-dritt.***

*8. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-agir tal-esponenti jikser il-Kostituzzjoni ghar-raguni li tilledi d-drittijiet tal-bniedem u tal-Libertajijiet fundamentali senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6(1) u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-esponenti eccepixxew preliminarjament illi dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni tilqa tali talba. Fi kwalunkwe kas ma tiffigura ebda lezjoni ta` tali drittijiet fundamentali kif allegat stante illi d-dritt u dmir ta` investigazzjoni u prosekuzzjoni huma mansonijiet moghtija mill-Legislatur lill-esponent Kummissarju tal-Pulizija u l-istess esponent jezewgixxi l-istess mansjonijiet abbazi tas-setgha li taghtih il-Ligi.*

*Illi aktar minn hekk id-dritt ghal smigh xieraq jista` jigi nvokat biss quddiem Qorti jew f`kaz ta` investigazzjoni mis-suspettat. Madanakollu r-rikorrent (li qed jagixxi ta` Mandatarju specjali) huwa l-persuna li ghamel l-kwerela u li ghalhekk ma jistghax jinvoka l-ebda lezzjoni ta` dritt ghal smiegh xieraq stante li se mai l-irwol li qatt setgha jkollu r-rikorrent huwa dak ta` parte civile fi proceduri kriminali kontra terzi. Illi hija giurisprudenza stabbilita li l-parte civile ma ghandu l-ebda locus standi sabiex jinvoka allegat ksur ta` dritt ghal smigh xieraq.*

*Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost ghal dak li jirrigwarda allegat lezjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, r-rikorrent ghandu rimedju effettiv. Anke l-fatt li fethu l-proceduri odjerni jidher li r-rikorrent ghandu access ghall-Qorti u rimedju effettiv.*

*9. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur illi l-agir tal-esponenti jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 469A l-esponenti jecepixxu illi tali allegazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt. L-attur intavola kwerela b`urgenza fil-25 ta` Frar 2019 (Vide Dok `**C**` anness mar-rikors guramentat) liema kwerela giet risposta mill-ex spettur tal-Pulizija Spiridione Zammit fl-24 ta` Marzu 2019 permezz ta` ittra elettronika (Vide Dok `**D**` annessa mar-rikors guramentat). Illi d-decizjoni tal-esponent Kummissarju tal-Pulizija ttiehdet abbazi tal-Ligijiet vigenti u bi tharis tal-istess.*

*10. Illi in kwantu illi l-attur qieghed jitlob bhala rimedju lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex "Tordna sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiskatta l-investigazzjonijiet tieghu sabiex jipprocedi kriminalment kontra Anna Falzon, min kien responsabbli mil-kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei u/jew kull min jirrizulta responsabbli bi ksur ta` ligi kriminali sancita fl-artikolu 145 (1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap.10) skond il-fatti kif sopracitati", wkoll l-esponenti jecepixxu illi din il-Qorti ma tistghax tati tali rimedju u dan peress illi f`kawza ta` stharrig gudizzjarju il-Qorti hija prekluza milli taghti rimedju izda hija limitata biex tordna li thassar id-"decizjoni" in kwistjoni u dan peress illi l-Qorti hija prekluza milli tiehu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Semmai f`kaz l-Qorti tiddeciedi illi thassar id-"decizjoni" mehuda mill-esponenti, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` kompetenti biex taghti decizjoni mill-gdid fid-dawl ta` dak kkunsidrat mill-Qorti.*

*11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda pprezentata mar-risposta guramentata.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2019 il-kawza kienet stradata fis-sens illi l-partijiet kellha tigi trattata l-ewwel eccezzjoni preliminari billi din tista` tkun pregudizzjali ghall-prosegwiment tal-kawza.

Rat il-provi li tressqu dwar din l-eccezzjoni.

Rat illi l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali bil-fomm dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari ghall-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2019 bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni li saru fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Fatti</u>

Salvatore u Josephine konjugi Boni, il-mandanti taL-atturi, huma l-genituri ta` Johanna Boni, li mietet fil-5 ta` Jannar 2016 konsegwenza ta` incident tat-traffiku li gara n-Naxxar. Huma kkommissjonaw lil certa Anna

Falzon sabiex tiehu hsieb il-funeral ta` binthom. Josephine Boni riedet illi bintha tindifen bl-ilbies illi kellha tipprovdi hi. Fil-fatt ghaddiet lil Falzon il-hwejjeg li kellhom jintlibsu lill-katavru ta` bintha ghad-difna, u sahqet mal-kommissjonanti sabiex twettaq ix-xewqa taghha.

Min-naha taghha, Anna Falzon tat il-kelma taghha li d-difna ta` Johanna Boni kienet ser issir skont ix-xewqa tal-genituri. Fl-istess waqt insistiet maghhom li jkun ahjar jekk it-tebut jibqa` maghluq, peress illi Johanna Boni kienet garrbet lezjonijiet gravi f`rasha.

Fid-9 ta` Jannar 2016 sar il-funeral ta` Johanna Boni. Id-difna saret go qabar f`cimiterju l-Mosta.

It-tebut ma nfetahx.

F`Jannar 2019 miet missier Josephine Boni. Id-difna tieghu kellha ssir fl-istess qabar fejn kienet midfuna Johanna Boni. Il-funeral sar fis-26 ta` Jannar 2019. Salvatore u Josephine Boni talbu illi jinfetah it-tebut ta` binthom. Kif infetah it-tebut, il-konjugi Boni sabu xena quddiemhom li qatt ma stennew. Sabu li l-katavru ta` binthom kien tqieghed go borza tal-plastik sewda, minn dawk li fihom jitpoggew fiha katavri ta` persuni li jkunu tilfu hajjithom tragikament. Fit-tebut kien hemm ukoll il-hwejjeg li Josephine Boni kienet tat lil Anna Falzon, senjatament libsa hamra. Din ix-xena giet immortalata f`diversi ritratti li ttiehdu mill-konjugi Boni. Mir-ritratti jidher illi l-ilbies li pprovdiet Josephine Boni tpogga kobba f`rokna fit-tebut.

Din ix-xena xxukkjat lill-konjugi Boni.

Fil-25 ta` Frar 2019, il-konjugi Boni pprezentaw kwerela fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, fejn talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jistitwixxi proceduri kriminali kontra Anna Falzon u kontra kull min kien responsabbli mill-katavru ta` binthom fil-kamra mortwarja fl-Isptar Mater Dei abbazi tal-akkuza li saret lezjoni tad-dritt ghal difna decenti skont kif jipprovdi l-Art 145(1) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta` Malta. Fuq l-insistenza li r-

reat kommess kien ta` natura permanenti, talbu li jkun ripristinat id-dekor u rispett ta` binthom.

Fis-26 ta` Frar 2019 il-konjugi Boni pprezentaw ukoll protest gudizzjarju bin-numru 93/19 fl-ismijiet : ***Avv. Dr. Michele Cardinali bhala mandatarju specjali tal-konjugi Salvatore (Passaport Taljan Nru. YB 1983246) u Josephine Boni [ID Maltija Nru. 0285464(M)] vs Anna Falzon (I.D. 472455M), Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru Responsabbli ghas-Sahha, u s-Segretarju Permanenti Responsabbli ghas-Sahha*** fejn talbu sabiex : "… *tirrimedja s-sitwazzjoni ta` kif il-katavru ta` bint il-protestanti giet midfuna bil-mod mill-aktar immorali u indecenti."*

Il-protest gudizzjarju kien notifikat lill-protestati kollha.

Fit-8 ta` Marzu 2019, il-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru Responsabbli ghas-Sahha, u s-Segretarju Permanenti Responsabbli ghas-Sahha pprezentaw kontroprotest fejn irrilevaw illi ma kinux il-legittimi kontraditturi tal-protestanti peress illi Johanna Boni mietet tragikament u l-kaz kien mertu ta` inkjesta magisterjali, kif ukoll illi la huma u lanqas l-istituzzjonijiet li jaqghu taht id-dikasteru tas-Sahha ma taw ebda servizz lill-protestanti. Cahdu wkoll illi kienu partecipi f`xi arrangement li kien jirrigwarda d-difna ta` Johanna Boni.

Min-naha ta` Anna Falzon ma jirrizultax li pprezentat kontroprotest.

Jirrizulta li permezz ta` e-mail tal-24 ta` Marzu 2019, il-Pulizija wiegbet ghall-kwerela tal-konjugi Boni billi sostniet li t-talba kif kienet impostata fil-kwerela kienet ghaddiet in preskrizzjoni peress illi l-Art 145 (1) tal-Kap 10 kellu preskrizzjoni ta` tlett xhur. Inoltre nghad li l-Avukat Generali ma kienx tal-istess fehma tal-kwerelanti li r-reat kien ta` natura permanenti. Ghalhekk il-Pulizija ma kenitx sejra tiehu l-passi li talbu l-kwerelati.

**Fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2019, il-partijiet qablu li qabel il-prezentata tar-rikors guramentat odjern, ma kien prezentat ebda att gudizzjarju direttament kontra l-konvenuti. Kien maqbul ukoll li l-protest gudizzjarju li ghalih saret referenza ma kienx prezentat kontra l-konvenuti odjerni.**

## III. L-istanza

L-attur noe ressaq tliet talbiet.

Fl-ewwel tnejn, talab dikjarazzjoni mill-qorti li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, fuq parir tal-Avukat Generali, li ma jipprocedix fuq il-kwerela de qua hija nulla, invalida jew minghajr effett ghar-raguni :

a) Illi tikkostitwixxi eghmil amministrattiv li jilledi l-Kostituzzjoni senjatament bil-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-mandanti tieghu kif tutelati bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u bl-Art 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif ukoll bil-vjolazzjoni tal-Artu 469A tal-Kap 12.

b) Illi tikkostitwixxi eghmil amministrattiv *ultra vires* li jmur kontra l-Art 346(1) tal-Kap 9 u allura jikser l-Art 469A (1)(b)(iv) tal-Kap 12.

Fit-tielet talba, kien rikjest specifikament sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jkun ordnat jibda investigazzjoni sabiex jipprocedi kriminalment kontra Anna Falzon, kontra kull min kien responsabbli mill-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei, u/jew kull min jirrizulta li kien responsabbli ghall-ksur tal-Art 145(1) tal-Kap. 10.

It-talbiet attrici kienu kontestati kemm b`eccezzjonijiet legali kif ukoll ta` fatt.

**Is-sentenza li qeghda tinghata llum tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni preliminari fejn kien eccepit li r-rikors guramentat huwa**

**null ghaliex kontra l-konvenuti ma saritx l-interpellazzjoni rikjesta *ad validitatem* bl-Art 460(1) tal-Kap 12.**

## IV. L-Art 460 tal-Kap 12

L-attur jilqa` ghall-ewwel eccezzjoni preliminari billi jikkontendi :-

a. Illi l-kaz odjern jinkwadra ruhu fl-ezenzjoni ravvizata fl-Art 460(2)(a) tal-Kap 12.

b. Illi in vista tal-urgenza tal-kaz kellu japplika l-Art 460(2)(d) tal-Kap 12.

c. Illi kienet saret l-interpellazzjoni rikjesta bl-Art 460(1) tal-Kap 12.

### a) L-Art 460(2)(a) tal-Kap 12

L-attur noe jissottometti li r-rekwizit tal-interpellazzjoni ma japplikax fil-kaz ta` azzjoni ghal rimedju taht l-Art 46 tal-Kostituzzjoni. Fil-kuntest ta` ksur ta` jeddijiet fondamentali, hemm lok ghal devjazzjoni mill-procedura stretta. Kwindi dak li jghid l-Art 460 tal-Kap 12 m`ghandux iservi ta` ostakolu ghall-azzjoni odjerna.

L-intimati jikkontendu li hemm konfuzjoni fit-talbiet u fil-premessi, li hija riflessa fis-sottomissjonijiet attrici, ghaliex ghalkemm l-attur noe mexxa b`azzjoni ghall-istharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv, fl-istess waqt ressaq ilment dwar vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali.

Fis-sottomissjonijiet orali, l-attur noe fisser li l-azzjoni principali hija dwar l-istharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv. Madanakollu l-ilment ghandu bhala bazi allegata vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali. Il-kawza hija mpostata b`mod li biha l-mandanti tieghu jkunu ezawrew ir-rimedji ordinarji taghhom, qabel imorru ghal proceduri kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, jekk ikun il-kaz.

**Esposti d-divergenzi sostanzjali bejn il-partijiet dwar in-natura tal-azzjoni, il-Qorti tqis illi m`ghandux ikun hemm dubju li dik attrici hija ntiza sabiex tkun azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrattiv skont l-Art 469A tal-Kap 12.**

Dan huwa evidenti mill-fatt illi l-kawza kienet intavolata quddiem din il-Qorti fil-kompetenza **ordinarja** taghha mhux bhala qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali. Bl-impostazzjoni nnfisha tal-azzjoni, l-attur noe ndirizza l-premessi u t-talbiet lejn l-Art 469A tal-Kap 12. Ilmenti ohra dwar vjolazzjoni ta` jeddijiet fondamentali hekk kif imharsa bil-Kostituzzjoni u /jew il-Konvenzjoni johorgu barra mill-kompetenza **ordinarja** ta` din il-Qorti.

L-eccezzjoni tan-nullita` kif dedotta tirreferi ghall-**Art 460(1) tal-Kap 12**.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car.*

L-**Art 406(2) tal-Kap 12** ighid fejn dak previst bl-Art 460(1) mhuwiex applikabbli :-

*(a) ghal azzjonijiet ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ; jew*

*(b) ghal mandati ta' inibizzjoni ; jew*

*(c) ghal azzjonijiet ghall-korrezzjoni ta' atti tal-istat civili ; jew*

*(d) ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza ;*

*(e) ghal riferenzi ta' tilwimiet ghall-arbitragg,*

*u meta skont id-dispozizzjonijiet ta' xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, maghdud terminu jew zmien iehor, id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'ghandhomx japplikaw u l-imsemmija procedura, maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghandha tapplika u tigi mharsa minflokhom.*

Fil-kawza tal-lum, l-attur noe qieghed isostni li tapplika l-eccezzjoni inserita fis-subparagrafu (a) ghaliex jikkontendi li s-sostrat tal-azzjoni huwa l-allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali.

Il-Qorti tosserva illi jekk jirrizulta li l-kaz tal-lum ma jaqax fil-parametri tal-Art 460(2)(a) allura jkun ifisser illi r-referenza ghall-Art 469A bhala l-azzjoni principali tkun investita mid-dettami stretti u tassattivi tal-Art 460(1).

Il-Qorti ghamlet ricerka estensiva dwar l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 460(2)(a). L-uniku gurisprudenza li tirrizulta hija dik citata mill-intimati, ghal liema gurisprudenza il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-fini ta` din id-decizjoni.

Tibda b`referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta` Settembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet : **Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**.

F`dak il-kaz ir-rikorrent kien ilmenta minn emenda partikolari ghall-Kap 69 tal-Ligijiet ta` Malta u sostna illi dik l-emenda kienet kisret il-jeddijiet fondamentali tieghu skont l-Art 37 tal-Kostituzzjoni. Kien eccepit illi l-qorti kellha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha billi r-rikorrent ma kienx ezawrixxa r-rimedji ordinarji li kellu ghad-disposizzjoni tieghu.

B`sentenza li tat fil-25 ta` Settembru 2009 il-Qorti Civili Prim`Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) laqghet l-eccezzjoni.

Sar appell.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn ir-riflessjonijiet :

> *28. L-appellati, bhall-ewwel Qorti, jargumentaw illi stante illi subartikolu (1) tal-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid illi jista' jsir stharrig gudizzjarju "meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni" allura dan ifisser illi eghmil amministrattiv jista' jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett meta dak l-eghmil jikser il-Kostituzzjoni inkluz b'hekk anke d-disposizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huma jikkwotaw favur din it-tezi taghhom is-sentenza Raymond Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha) 20 fit-12 ta' Novembru 2001 (decizjoni, ta' min jghid, fejn ir-rikors promotorju kien jallega biss ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u mhux ukoll tal-Kostituzzjoni). Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' hsieb, u hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 469A hija dik moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta' Ciantar, din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk :*
>
> ***"… … (I)l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-ahhar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) ta' l-artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-[recte lill-]istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta'***

*l-artikoli 34 (Mhux car ghala r-referenza hawn hi ghall-Artikolu 34, flok ghall-Artikolu 33.) sa 45 maghdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*

*"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja` gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.*

*"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja … … Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. … …*

*"Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A.*

***Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva. Mill-banda l-ohra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-legislatur originarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inciz (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduci u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setghet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inkluzi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi originarjament l-inciz (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll ghall-inciz (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-legislatur gie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika ghal eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero` bl-ebda mod ma ccarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali."***

*Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni <u>minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji</u>. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. <u>469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319</u> (u dan kuntrarjament ghal dak li donnha rriteniet il-Prim Awla fis-sentenza taghha fil-kaz ta'* ***Raymond Farrugia****, supra). A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta'*

*rimedju ghall-ksur allegat (Proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga – Art. 4(2) – tal-Kap. 319.), jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat ex officio mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skond l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat ex officio mill-Qorti.*

Din il-linja kienet ikkonfermata fis-sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Jannar 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Charles Cini vs Il-Prim Ministru et** fejn saru dawn il-konsiderazzjonijiet-

*"Illi dwar l-ilmenti tal-attur, illum il-gurnata huwa accettat illi ghalkemm f'att li bih tinbeda kawza jsiru riferenzi ghall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u ghalkemm il-Qorti trid thares id-drittijiet kollha maghduda dawk li jharsu d-drittijiet fundamentali, xorta wahda tghid li proceduri li jinbdew quddiemha ghandhom jitqiesu li huma proceduri istitwiti taht il-ligi ordinarja u mhux taht il-procedura li tirregola kawzi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jinghad ukoll li azzjoni ghal stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A ma ghandhiex tiehu l-post u lanqas titqies bhallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jinghata f'kawza kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jinghata lir-rikorrenti f'kawza bhal din, jigifieri dik ta' stharrig gudizzjarju;*

*Illi l-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'kaz fejn m'hemmx rimedju iehor*

*[ara: P.A. AE 25.04.3014 fil-kawza fl-ismijiet Dr Frank Portelli vs Dr Josella Farrugia noe et (appellata)];*

*Illi s-setghat li l-ligi taghti lill-Qrati f'azzjonijiet bhal din iridu jitwettqu fil-parametri precizi li tistabilixxi l-ligi specjali. Min-naha l-ohra, fejn din il-Qorti tissejjah biex twettaq is-setgha taghha li tistharreg ghemil ta' xi awtorita' pubblika, u x'aktarx minhabba li dan l-istharrig huwa r-rimedju wahdieni li jinghata lil min ihossu mgarrab b'dak l-ghemil, din ghandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-ligi ma teskludihiex milli tindahal, u ghandha taghti lill-eskluzjoni tifsira mill-idjaq kontra li terhi milli twettaq is-setghat taghha (ara: App. Civ. 30.11.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana (Kollez. Vol: LXXVII.ii.377);*

*Illi l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 16 huwa eccezzjoni ghar-regola li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni. Kif nghad, l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghemil amministrattiv ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u xieraq disponibbli ghaliha u hija naqset li tirrikorri ghalih bla raguni tajba [28 - App. Civ. 6.5.1998 fil-kawza fl-ismijiet Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauci et (mhix pubblikata) u App. Civ. 5.10.2001 filkawza fl-ismijiet Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar (Kollez. Vol: LXXXV.ii.943).] Illi l-Qorti tifhem li biex il-gurisdizzjoni tal-Qorti li tistharreg ghemil amministrattiv titnehha, ir-rimedju taht xi ligi ohra moghti lill-persuna mgarrba b'dak l-ghemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaci (P.A. PS 28.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et). Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-iehor b'mod kapriccuz, f'liema kaz ma jkunx xieraq li, minhabba n-nuqqas taghha, mbaghad iddur ghall-kenn tal-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A;*

*Illi fil-kaz tal-eccezzjoni taht ezami, l-imharrkin iqisu li l-azzjoni "ordinarja" ta' stharrig gudizzjarju u dik straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qorti tifhem dan l-argument u tqis li l-Qrati taghna diga' stharrgu l-kwestjoni u kienu generalment cari dwarha*

*[ara: Kost 18.9.2009 fil-kawza fl-ismijiet Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Ghall-Akkomodazzjoni Socjali et]. Il-Qorti taqbel li f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista' jkun hemm taht il-Kostituzzjoni tar-Reppubblika ta' Malta ma jirriferix ghal ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet mahsuba fil-Kapitolu IV tal-istess, imma ghal xi ksur ta' xi dispozizzjoni ohra tal-istess Kostituzzjoni."*

Din il-Qorti tikkondividi l-principju li l-kompetenza civili u dik kostituzzjonali ghandhom jinzammu separati u distinti minn xulxin.

Il-Qorti tghid illi kull qorti, independentement mill-kompetenza taghha, ghandha l-obbligu li tara li jkunu mharsa l-jeddijiet fondamentali tal-persuna. Madanakollu qorti ta` kompetenza ordinarja ghandha setghat limitati fis-sens li ma tistax tistharreg allegati vjolazzjonijiet ta` jeddijiet fondamentali jew taghti rimedji ghal allegat ksur ta` drittijiet fondamentali.

Riferibbilment ghall-kaz ta' llum, waqt illi l-Qorti tara l-kuntest wiesa' li fih tressaq l-ilment dwar stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, tqis ukoll illi l-allegata vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali hija msejsa fuq id-dritt tutelat bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni. L-attur noe jallega wkoll li l-mandanti tieghu garrbu vjolazzjoni tal-Art 6(1) u tal-Art 13 tal-Konvenzjoni.

**Il-Qorti hija konkordi mal-hsieb traccjat fil-gurisprudenza citata u cioe` illi f`kazi, bhal dak odjern, fejn l-ilment huwa dwar stharrig gudizzjarju ta` eghmil amministrativ fil-parametri tal-Art 469A tal-Kap 12, il-ksur tal-Kostituzzjoni, kif mifhum fl-Art 460(2)(a) tal-Kap 12, jeskludi kull referenza ghal ksur ta` drittijiet fondamentali tal-persuna, ghaliex l-Art 460(2)(a) isib applikazzjoni limitatament safejn l-eghmil amministrattiv innifsu jkun jikkostitwixxi ksur ta` xi dispozizzjoni <u>ohra</u> tal-Kostituzzjoni.**

**Fil-kaz tal-lum ghalhekk mhuwiex applikabbli l-Art 460(2)(a) tal-Kap 12.**

**b) <u>L-Art 460(2)(d) tal-Kap 12</u>**

L-attur noe jirreferi wkoll ghall-Art 402(2)(d), li jhalli barra kazi ta` urgenza mill-applikazzjoni tal-Art 402(1), ghaliex jikkontendi li l-mandanti kienu tempestivi.

Il-Qorti diga` rreferiet ghal kif svolgew il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Jirrizulta li kien fis-26 ta` Jannar 2019 li l-konjugi Boni saru jafu bil-mod kif kien tkeffen fit-tebut il-katavru ta` binthom tliet snin qabel. Fil-25 ta` Frar 2019 huma pprezentaw kwerela lill-Pulizija. Fis-26 ta` Frar 2019, kien prezentat protest gudizzjarju li kien notifikat kif fuq inghad. Il-protestati wiegbu b'kontroprotest fit-8 ta` Marzu 2019. Fit-23 ta` Marzu 2019, il-Pulizija baghtet email bir-ragunijiet ghala ma kenitx sejra tmexxi l-kwerela. Il-kawza odjerna kienet intavolata fil-5 ta` Gunju 2019, u cioe` aktar minn erba` xhur wara l-iskoperta li ghamlu fis-26 ta` Jannar 2019.

L-attur noe jissottometti li l-urgenza hija dettat mit-trawma li garrbu l-mandanti tieghu b`li kienu raw fis-26 ta` Jannar 2019. Jishaq li dik it-trawma kienet tehtieg li tkun indirizzata u rimedjata b`mod urgenti. Kompla sostna li l-borza tal-plastik fejn kien il-katavru kienet qeghda zzomm id-dekompozizzjoni tal-katavru.

Bhall-intimati, din il-Qorti tosserva li nonostante l-urgenza nvokata, l-attur noe ma ghamel ebda talba sabiex il-kawza tinstema` b`urgenza. Lanqas ma vverbalizza xi dissens jew oggezzjoni min-naha tieghu ghall-mod kif kienet kondotta l-kawza sal-lum. Tkompli tosserva min-naha taghha li bejn id-data tal-iskoperta tal-fatt li mbaghad skatta l-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum ser tkun ghaddiet ftit aktar minn sena. Fl-istess waqt l-attur noe qatt ma talab l-abbrevjazzjoni tat-termini. Kollox ma` kollox il-kondotta tal-attur noe ddghajjef ghal kollox il-pretiza tal-mandanti tieghu u tal-attur noe bhala mandatarju taghhom illi l-kaz ghandu jikkwalifika bhala urgenti ghall-fini tal-Art 402(2)(d) tal-Kap 12.

**Kwindi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-Art 460(2)(d) ghall-fattispeci tal-kaz odjern.**

**c) <u>Interpellazzjoni skont l-Art 460(1) tal-Kap 12</u>**

L-attur noe jikkontendi li saret l-interpellazzjoni ghall-fini ta` l-Art 460(1) tal-Kap 12 bil-prezentata u notifika lill-Gvern tal-protest gudizzjarju tas-26 ta` Frar 2019 li kien jittratta dwar l-istess vicenda u dwar l-istess fatti tal-kawza tal-lum.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet, l-attur noe iwessa` l-argument tieghu billi jghid illi r-rekwizit *ad validitatem* kontemplat fl-Art 460(1) huwa fis-sens illi jesigi li tkun prezentata u notifikata ittra ufficjali jew protest lill-Gvern jew lil dik l-awtorita` jew persuna fil-kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha.

L-attur noe jirrileva illi l-protest kien notifikat lill-Ministru tas-Sahha, lis-Segretarju Permanenti Responsabbli ghas-Sahha u lill-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei, li jaqghu lkoll taht il-kappa tal-Gvern. Fil-kawza tal-lum il-konvenut huwa l-Gvern permezz tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali.

Isostni li l-uzu tal-konguntiv "jew" bejn il-kelma "Gvern" u l-frazijiet "dik l-awtorita`" u "persuna kif intqal qabel" toffri alternattiva ghal min ghandu jircievi notifika biex jigi sodisfatt il-vot tal-Art 460(1) tal-Kap 12.

Min-naha tal-konvenuti, jinghad illi huma qatt ma kienu nterpellati b`ittra ufficjali jew protest kif tesigi l-ligi. Isostnu li l-kwerela qatt ma tista` tikkwalifika bhala att gudizzjarju kif irid l-Art 460(1). Li kieku kellu jkun abbraccjat l-argument tal-attur noe kif impostat, allura ser jingieb fix-xejn il-principju tal-legittimu kontradittur. Dan apparti li dak li qed jinghad mill-attur noe jikkozza mal-Art 181B tal-Kap 12.

Jibda biex jinghad illi l-procedura li tirrizulta fl-Art 460(1) tal-Kap 12 hija ta` ordni pubbliku. Ghalhekk ma tistax tigi rinunzjata u tista` titqajjem mill-Qorti *ex officio* (ara d-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippresjeduta tas-7 ta` Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet : **Dominic Savio Spiteri vs Onor Prim Ministru et** : li kienet ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2004).

Minn qari tad-disposizzjoni, jirrizulta li - salv ghal dak li jinghad fis-subartikolu (2) – procediment kontra l-Gvern jew kontra l-"persuni" l-ohra kif indikat fid-disposizzjoni ma tistax issir jekk ma jkunux ghaddew ghaxart ijiem min-notifika ta` l-Gvern jew ta` dawk il-"persuni" b`ittra ufficjali jew protest fejn il-pretensjoni jew it-talba tkun imfissra b`mod car.

Kemm il-Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll l-Avukat Generali huma trattati fil-gurisprudenza taghna bhala "awtorita` pubblika", u ma ghandu jkun hemm ebda dubju li t-tnejn iwettqu funzjonijiet pubblici u jhaddnu kwalita` ta` awtorita` pubblika b`kariga pubblika. Ghalhekk bhal fil-kaz ta` entitajiet ohrajn b`setghat ta` awtorita` pubblika u kostitwiti bil-ligi, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali ghandhom jigu meqjusa bhala persuni li ghalihom japplika l-Art 460 tal-Kap 12.

**Il-gurisprudenza taghmel car punt ta` dritt u cioe` li jekk il-procedura stabbilita bl-Art 460(1) tal-Kap 12 ma tkunx segwita, allura l-procediment li jaghti lok ghall-azzjoni kontra min jissemma fid-disposizzjoni tkun irregolari u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet : **Samantha Grima vs Kevin Micallef et** : fil-11 ta` Jannar 2012.

Fil-kors ta` dik il-kawza wiehed mill-konvenuti kien eccepixxa n-nullita` tal-azzjoni billi ma kienx osservat l-Art 460 tal-Kap 12.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Fil-kawza fl-ismijiet **V. G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, (Cit. Nru. 355/07FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta` Mejju, 2007 inghad :*

***D3. Gurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12 :***

*Kull att gudizzjarju li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA **Gauci vs Registratur tal-Qorti et** 1/2/90, **Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et** 22/6/92, **Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana** 15/1/93, **Michael Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l- Ippjanar et noe** 2/10/96, **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar** 29/5/97. Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority** Prim`Awla tat-22 ta` Novembru 2007 gie ritenut illi "l-kelma `persuna` kif uzata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna guridika".*

*Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawza kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita`, permezz ta` ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbaghatx, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawza tkun nulla [**<u>Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` ta` l-Ippjanar</u>** deciza PA – Imh R Pace fit 13 ta` Lulju, 2000.*

*Fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-26 ta` Gunju 2003, flismijiet **Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et** il-Qorti qalet:*

*"Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f`kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."*

*L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta` April 2003 fl-ismijiet* ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** *ntqal:*

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir- Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f` kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita` imposta mil-ligi."*

*Ara wkoll sentenza Prim`Awla tal-25 ta` Jannar 1991 flismijiet* ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et.***

*Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-27 ta` Frar 2004 tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *[deciza mill-Prim`Awla fid-29/5/97] gie ritenut li n-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jgib mieghu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri, izda jgib mieghu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti.*

*Infatti intqal :*

*"Minn ezami ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta` l-attur, ma jista` jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta` ittra ufficcjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car... Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami - bi ksur allura ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta` jipproduci ebda effett."*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza : **<u>Ruggier vs Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.</u>**

Hemm inghad :-

*Illi dwar il-**konsiderazzjonijiet legali marbuta** mal-eccezzjoni taht ezami, jibda biex jinghad li l-artikolu 460(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda proceditment ma jista` jitressaq u ebda procediment ma jista` jittiehed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha qabel ma jghaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bhal dak;*

*Illi hemm qbil li l-attur ma baghat ebda interpellazzjoni gudizzjarja lill-Awtorita` mharrka qabel ma fetah din il-kawza….*

*Illi l-Qorti taghraf li l-htiega tal-hrug ta` talba gudizzjarja qabel tista` tinfetah kawza jew jittiehed procediment iehor hija regola procedurali li taghti privilegg lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawzi li fihom ikunu mharrkin, liema privilegg gie mfisser li japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bhala tali, din ir-regola tirrapprezenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet taghha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li tezigi li tinghata tifsira restrittiva biex ma tohnoqx bla bzonn l-azzjoni gudizzjarja kontra l-awtorita` pubblika fejn din tista` tibqa` miexja `l quddiem. Jibqa` dejjem li dan il-privilegg procedurali huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jinghad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jhares b`reqqa dak li jitlob*

*l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita` li tkun giet interpellata;*

*Illi minn qari xieraq ta` kliem il-ligi, jissemma x`ghandu jitlob att gudizzjarju li ghalih jghodd l-artikolu 460(1). Il-ligi tghid li f`dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car". B`dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att gudizzjarju jkun jghodd bhala `twissija` lill-awtorita` pubblika ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu, izda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x`inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita` intimata tindirizza.*

L-istess insenjament kien riaffermat fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Novembru 2010 fil-kawza **Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy et vs Chairman Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig**.

Hemm ukoll kien eccepit illi l-azzjoni attrici ma kenitx tiswa` ghaliex ma kienx osservat dak illi jipprovdi l-Art 460 tal-Kap 12.

Inghad illi n-nullita` hija assoluta u mhjiex sanabbli.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi b`konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-eccezzjoni taht ezami jibda biex jinghad li l-artikolu 460 tal-Kodici tal-Procedura civili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda procediment ma jista` jitressaq u ebda procediment ma jista` jittiehed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha qabel ma jghaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill- Gvern, awtorita` jew persuna bhal dak;*

*Illi l-attur stqarr li, qabel fetah din il-kawza, ma kienx interpella lill-ETC b`att gudizzjarju dwar l-ilment li llum qieghed iressaq kontriha f`din il-kawza …*

*Illi hu xieraq jinghad li dan l-artikolu huwa wiehed mid-dispozizzjonijiet li l-ligi tikkontempla fir-rigward ta` proceduri gudizzjarji li fihom ikun imdahhal il-Gvern, korp statutorju jew korporazzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. F`din l-ghamla ta` proceduri, l-ligi taghti lill-Gvern certi privileggi. Minhabba f'hekk u billi dawn id-dispizizzjonijiet huma ta' natura partikolari, ghandhom jitqiesu bhala eccezzjoni ghar-regoli procedurali u fl-istess waqt jithaddmu fi hdan il-qafas shih ta' dak li jipprovdi l-Kodici tal-Procedura;*

*Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 johrog car li mhux talli att gudizzjarju (li mhux ittra ufficjali jew protest gudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa 'l quddiem kontra l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika, kif inghad, izda li lanqas biss imissu jithalla jitressaq mir-Registratur tal-Qrati. Il-ligi tuza l-kliem "ipprezentat", "jittiehdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-hsieb tal-legislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta' dawk id-dispozizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;*

*Illi f`ghadd ta`sentenzi li nghataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, inghad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqghux taht il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis- subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Kull azzjoni ohra li taqa` `l barra minn dawk il-kazijiet specifici trid ta` bilfors tghaddi mill-gharbiel preventiv tal-interpellazzjoni gudizzjarja* ***u*** *l-moghdija ta` zmien ta` ghaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika tkun laqghet ghandha dak l-att gudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti gudizzjarji ma jghoddux ghal daqshekk;*

*Illi din il-Qorti, madankollu, tqis li fil-kaz li ghandha quddiemha, l-att (jigifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma thalla mir-Registratur tal-Qrati jimxi `l quddiem tant li assenjah bhala kawza biex tinstema` minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas wahdu ma jservix biex dak li ma jiswiex igibu jiswa, imma jista` jkun*

*indikattiv hafna jekk fil-fatt jirrizulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita` ;*

*Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma nghad f`sentenzi ta` dawn il-Qrati, dan il-privilegg procedurali huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio;*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawzi li fihom ikunu mharrkin, liema privilegg gie mfisser li japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. L-ghan ghal dak l-artikolu huwa li jipprovdi l-opportunita` li jiddefendu lilhom infushom;"*

**Il-gurisprudenza appena citata taghmel car il-punt illi l-unici atti gudizzjarji li jissodisfaw l-Artikolu 460(1) huma jew l-ittra ufficjali nkella l-protest gudizzjarju, u allura ebda att iehor m`ghandu jitqies validu ghall-fini tal-istess disposizzjoni.**

Fil-kaz tal-lum hemm qbil bejn il-partijiet illi ebda ittra ufficjali jew protest dwar il-fatti mertu ta` din il-kawza ma kienu prezentati mill-attur noe jew mill-mandanti tieghu kontra l-konvenuti odjerni. Jirrizulta li ghand il-Kummissarju tal-Pulizija marret biss il-kwerela waqt li ghand il-konvenuti odjerni ma marret la ittra ufficjali u lanqas protest.

L-attur noe jishaq illi bil-fatt li sar protest, liema protest kien prezentat kontra u kien notifikat lil : Ministru tas-Sahha, Segretarju Permamenti ghas-Sahha u Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei : dak ifisser li kien notifikat il-"Gvern" ghall-finijiet tal-Art 460(1) tal-Kap 12.

Bhala difiza kontra dak prospettat mill-attur noe, il-konvenuti ghamlu referenza ghall-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>**.

Il-Qorti rat id-disposizzjoni citata mill-konvenuti.

Tghid illi l-**<u>Art 181B(1) tal-Kap 12</u>** huwa car fis-sens illi jistabilixxi li fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji, il-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Is-**<u>subartikolu (2)</u>** jghid illi *l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Fil-kaz taht ezami, il-protest gudizzjajrju kien prezentat kontra Anna Falzon (li kienet il-kommissjonanti tal-funeral ta` Johanna Boni) u li kellha tiehu hsieb tezegwixxi x-xewqat tal-familja. Il-protest kien prezentat ukoll kontra l-Ministru tas-Sahha, is-Segretarju Permamenti ghas-Sahha, u l-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei. Il-protestati kollha kienu notifikati.

It-talba fil-protest kienet tghid hekk :-

"*sabiex immedjatament, u in ogni kaz sa mhux aktar tard minn hamest (5) ijiem min-notifika dan il-protest gudizzjarju, tirrimedja s-sitwazzjoni ta` kif il-katavru ta` bint il-protestanti giet midfuna bil-mod mill-aktar immorali u indecenti*."

**Tajjeb li jinghad illi ghalkemm il-protest kien prezentat ukoll kontra tliet persuni pubblici partikolari, il-kawza odjerna saret kontra persuni pubblici <u>ohra</u>.**

**Minn ezami tat-talbiet kif premessi fir-rikors guramentat, u minn dak li ntalab fil-protest gudizzjarju, huwa mill-aktar evidenti li t-talbiet huma differenti.**

Fil-protest gudizzjarju qieghed jintalab li jigi ripristinat id-dekor ta` Johanna Boni fid-difna.

Fil-kawza odjerna qieghed jintalab *inter alia* li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tkun dikjarata nulla u *ultra vires*.

L-Art 460(1) jitlob li l-att ghandu jindika b`mod car dak li qieghed jintalab.

Dak illi jrid l-Art 460(1) huwa li t-talbiet ikunu ndikati bil-preciz.

Fil-kaz tal-lum ma jistax iregi l-argument tal-attur noe li l-interpellazzjoni saret kif tesigi l-ligi.

Tghid dan ghaliex kemm it-talbiet tal-protest gudizzjarju u kif ukoll dawk tar-rikors guramentat mhumiex l-istess. It-talbiet tal-protesti kellhom finalita` differenti minn dawk tal-kawza odjerna. Fil-fatt issejhu biex iwiegbu persuni jew korpi pubblici diversi minn dawk tal-protest.

Tenut kont ta` dan kollu, ma jistax iregi l-argument tal-attur noe li l-protest gudizzjarju kien prezentat kontra awtorita` pubblika partikolari li b`estensjoni ghandu jitqies bhala "interpellazzjoni" kontra l-Gvern.

Fl-ewwel lok il-Qorti tghid illi r-relazzjoni guridika li tohrog mit-talbiet kif impostati fil-protest gudizzjarju hija differenti mir-relazzjoni guridika li tissussisti fil-proceduri odjerni.

Fit-tieni lok, zgur illi ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti li interpellazzjoni lil Dipartiment jew Awtorita` partikolari ghandu jkollha effett universali ghall-fini tal-Art 460(1) tal-Kap 12 fuq persuni **ohra** ndikati fid-disposizzjoni.

L-Art 181B tal-Kap 12 jistabilixxi kjarament min ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern.

Fil-kawza tal-lum, l-attur noe harrek persuni li kienu diversi minn dawk li kontra taghhom pprezenta l-protest gudizzjarju, apparti l-fatt li dak li ntalab fil-protest gudizzjarju kien ukoll divers minn dak li ntalab fil-kawza.

**Fil-kawza tal-lum jirrizulta ppruvat li ma kienx sodisfatt min-naha tal-attur noe u tal-mandanti tieghu dak rikjest mill-Art 460(1) tal-Kap 12.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari, tiddikjara null ir-rikors guramentat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attur nomine.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**